MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA' INGUSTIZZJI

## MAGISTRAT DR.<br>MICHAEL MALLIA

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2005

Rikors Numru. 96/1997/2

Rikors Numru:  96/97G

Jane Buttigieg
vs
Superintendent ta' l-Isptar t'Ghawdex, Chief Government Medical Officer, Direttur tad-Dipartiment tas-Sahha, il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku

Illum 5 ta' Mejju 2005

It-Tribunal

**RIKORS:**
Ra r-rikors pprezentat fl-1 ta' Dicembru 1997 fejn wara li r-rikorrenti ppremettiet illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 hija sofriet ingustizzja f'li ma nghatatx il-kariga ta' Nursing Officer jew almenu Deputy Nursing Officer mad-Dipartiment tas-Sahha wara sejha ghall-applikazzjonijiet mahruga fin-1994 minkejja li hija kienet fost l-applikanti l-iktar kwalifikata ghal din il-kariga, u dan

sabiex inhatru minflokha ohrajn ferm juniors taghha u b’ferm anqas kapacita` u esperjenza.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor li gej:

1. 1980 - Bdiet l-impjieg taghha bhala Staff Nurse mad-Dipartiment tas-Sahha, Malta.

2. 1984 - Marret tahdem l-Isptar Generali ta’ Ghawdex.

3. 1985 - Novembru, bdiet taghmilha ta’ Acting Nursing Officer peress li kienet is-senior nurse. Ghamlitha regolarment ta’ reliever ghan-nursing officers u ta’ 4 General Wards fl-isptar: tal-male/female general u male/female geriatrics.

4. 1989 - Tpoggiet in charge tal-female geriatric ward. Hija giebet il-Ward ‘il quddiem u ttrasformatu minn antiporta tal-mewt ghal post li jiehu hsieb is-sahha tal-anzjani billi fost affarijiet ohrajn:

Ghaqqdet l-istaff kollu u mmotivatu bhala team wiehed u hija kienet tahdem bhala wahda mill-istaff. B’hekk l-istaff min-naha tieghu beda jitratta lill-pazjenti ferma ahjar minhabba li kellu job satisfaction.

Fil-Ward ziedet l-igene u l-organizazzjoni.
Il-Pazjenti minflok ihalluhom ghal rashom bdew iqajjmuhom, jorganizzawlhom hargiet u jinteressawhom fil-hajja.

Buttigieg kienet tiehu hsieb sittin pazjent minghajr l-anqas biss kien ikollha reliever kif inhi l-prattika.

5. 1992 - Hija u Ghawdxi iehor intghazlu ghal kors ta’ tlett gimghat tal-gerontologija f’Malta. Dan juri fic-car li dawn kienu l-iktar tnejn min-nies kwalifikati ghal dan ix-xoghol.

6. 1994 - Hargu l-applikazzjonijiet ghal NO u DNO.

7. 1995 - Sar l-ezami li jikkonsisti f’interview minn panel ta’ 4 minn nies. Meta Buttigieg dahlet ghall-interview,

wiehed mill-panes staqsiha jekk tafx lil certa Mananni Curmi: mara inkapacitata attivista kbira tal-partit Nazzjonalista li allura kien fil-Gvern u li tghix fl-isptar.

8. Hargu r-rizultati u mill-lista tal-NO's Buttigieg giet in-96 u ghazlu 40; ghal DNO Buttigieg giet 116 u ghazlu 100.

Ghal dan l-ezami minn Ghawdex kull min kien Nazzjonalist ghadda with flying colours u dan ghalkemm kienu juniors u ferm inqas ikkwalifikati mir-rikorrenti.

Illi hija kienet bi hsiebha ggib biex issostni l-ilment taghhom lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrenti kienet bi hsiebha ggib prova dwarhom bix-xhieda taghha.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti talbet lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jirrakomanda rimedju kompensattiv billi r-rikorrenti tinghata b'effett retroattiv l-imsemmija kariga u fin-nuqqas jinghata kumpens ta' Lm5000.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrenti.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tat-Tabib Principali tal-Gvern, Supretendent ta' l-Isptar Generali t'Ghawdex, id-Direttur tad-Dipartiment tas-Sahha fejn wiegbu illi:

Illi rigward ghoti ta' karigi mad-Dipartiment dawn isiru biss mill-Prim Ministru fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Il-procedura minn meta jinhargu is-sejhiet ghall-applikazzjonijiet sa meta jinhatru dawk maghzula huma prerogattiva tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u tali insindikabbli ai termini ta' l-Artikolu 115 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Ghaldaqstant l-intimati talbu lil dan t-Tribunal illi jichad it-talbiet ta' Jane Buttigieg bl-ispejjez stante illi nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Ra l-elenku tax-xhieda ta’ l-intimat.
Ra r-risposta tas-Supretendent tal-Isptar Generali ta’ Ghawdex fejn wiegeb:

Illi huwa biss amministratur ta’ l-Isptar u m’ghandux il-mansjoni li jaghti promozzjonijiet.

Dik il-mansjoni hija, skond l-Artikolu 110 tal-Kostituzzjoni ezercitata mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku li kienet ukoll inkarigata mill-process ta’ ghazla fil-promozzjonijiet li minnhom ir-rikorrent qeghda tilmenta.

Ra l-elenku tax-xhieda ta’ l-intimat.

Ra r-risposta tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fejn wiegbet illi:

1. Illi fil-konfront tal-Kummissjoni dan it-Tribunal m’ghandux gurisdizzjoni ghaliex it-Tribunal hu prekluz li jinvestiga l-validita` ta’ dak kollu li ghamlet jew taghmel il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fl-ezercizzju tal-funzjonijiet taghha u dan skond l-artiklu 115 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika.

2. Illi ma jirrizultax lill-Kummissjoni li r-rikorrenti qatt ghamlet xi petizzjoni lill-Prim Ministru kif setghet taghmel taht il-klawsola 1.1.7. ta’ l-Estacode dwar l-ilmenti relatati mal-hatriet ta’ Nursing Officer u Deputy Nursing Officer wara sejhiet ghall-applikazzjonijiet li saru fl-10 t’Ottubru 1994. Il-Kummissjoni qed tirrileva dan ghal fini ta’ l-artikolu 5(3)(b) ta’ l-Att VIII ta’ 1997.

3. Illi minghajr pregudizzju jinghad li fl-10 t’Ottubru 1994 kienu saru zewg sejhiet ghall-applikazzjonijiet ghal mili ta’ postijiet ta’ Nursing Officer u ta’ Deputy Nursing Officer fid-Divizjoni tas-Sahha.

4. Illi mir-rapport tal-Bord ta’ l-Ghazla ghall-mili ta’ postijiet ta’ Nursing officer jidher li r-rikorrenti kienet gabet total ta’ 106 marka u giet fil-197 post.

5. Illi f'April 1996 erbgha u sittin (46) Nursing Officers gew mahtura mill-Prim Ministru fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni.

6. Illi mir-rapport tal-Board ta' l-ghazla ghal mili ta' postijiet ta' Deputy Nursing Officers jidher li r-rikorrenti kienet gabet total ta' 118 marka u giet fil-216 post.

7. Illi f'April 1996 (94) erbgha u disghajn Deputy Nursing Officer gew mahtura mill-Prim Ministru fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni.

8. Illi l-Kummissjoni ma taf xejn dwar l-allegazzjonijiet u l-ilmenti l-ohra tar-rikorrenti.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.
Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidra

Illi f'din il-kawza r-rikorrenti qeghda tilementa min-nuqqas ta' hatra 'Nursing Officer' jew "Deputy Nursing Officer' wara sejha illi saret ghal din il-kariga fl-1994.

Irrizulta mill-provi li r-rikorrenti dahlet tahdem bhala 'Staff Nurse' fit-28 ta' Jannar 1980. F'Novembru 1985 saret 'releaver' ghal 'Nursing Officer' u f'Dicembru 1989 inghatat l-inkarigu li tiehu hsieb il-'female geniatric ward' ta' l-Isptar Generali ta' Ghawdex. Fl-20 ta' Lulju 1993 saret 'Supervisor Nurse IIA'. Fl-1994 wiegbet ghal sejha ghall-hatriet ta' 'Nursing Officers' jew 'Deputy Nursing Officers'. Sar interview izda r-rikorrenti ma gietx maghzula ghal din il-pozizzjoni u minn kwazi 300 kandidat giet in-numru 196 b'106 punti fuq 200. Ir-rikorrenti qeghda tilmenta illi ma nghatatx il-pozizzjoni minhabba l-affiljazzjonijiet politici taghha.

Ikkunsidra

Qabel mat-Tribunal jghaddi biex jikkonsidra l-meritu irid jiddisponi mill-eccezzjoni tal-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku illi l-operat tieghu mhuwiex sindikabbli peress illi

huwa protett mill-Kostituzzjoni. Hawnhekk it-Tribunal jaghmel referenza ghal decizjoni minnu moghtija fis-7 ta' Mejju 1998 fl-ismijiet 'John Billocca vs Dipartiment tas-Sahha' fejn inghad fost affarijiet ohra "Meta t-Tribunal jezamina talba dwar allegata ingustizzja relattiva ghal hatra jew promozzjoni ta' impjieg governattiv dan ma jkunx qieghed b'ebda mod jezamina jekk il-kummissjoni dawr is-Servizz Pubbliku tkunx qdiet validament xi funzjoni moghtija lilha mill-Kostituzzjoni tant kemm hu hekk li dan it-Tribunal m'hu sejjer qatt jazzardi li xi hatra jew promozzjoni moghtija mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku mhijiex valida. Izda dan ma jeskludix li bhala rizultat ta' tali hatra jew promozzjoni ma jistax ikun hemm min ibati ingustizzja u ghalhekk li dan it-Tribunal ghandu l-obbligu li jindaka dwar allegati ingistizzji." Dana premess it-Tribunal ser jghaddi biex jikkonsidra l-meritu.

Bhal ma diga inghad, ir-rikorrenti qeghda tilmenta min-nuqqas ta' hatra ghal 'Nursing Officer'. M'hemmx dubju illi mill-provi irrizulta li r-rikorrenti kienet ferm kwalifikata biex tapplika ghal pozizzjoni. Irrizulta li l-inkarigu li gie moghti lilha biex tamministra l-'female geriatric ward' qdietu bl-aktar mod ezemplari, kienet efficjenti fix-xoghol taghha u kellha relazzjonijiet inter personali ma l-staff u mal-pazjenti tajbin hafna. Is-superjuri taghha Dr Victor Curmi, Susan Portelli, Salvu Attard ilkoll xehdu dwar il-mod professjonali u abbli illi tmexxi l-ward taghha. Qatt ma kien hemm xi kummenti negattivi anzi jircievu biss kummenti pozittivi u kif qal Salvu Attard a fol 41 li huwa 'Departemental Nursing Manager' fl-Isptar Generali l-'female geriatric ward' "… minn dejjem kollox mexa sew f'din is-sala." Jikkonferma illi r-rikorrenti ghamlet zmien 'Acting Nursing Officer' u x-xoghol li kienet taghmel kien jirrikjedi kariga ta' 'Nursing Officer'.
Minn dan il-lat kwindi t-Tribunal m'ghandu l-ebda dubju dwar il-professjonalita u kwalitajiet tajbin illi ghandha r-rikorrenti, pero` dan mhuwiex bizzejjed biex jissodisfa l-kwezit ta' diskriminazzjoni jew ingustizzja fil-konfront taghha u kien ghalhekk illi r-rikorrenti harrket biex jixhdu f'din il-kawza l-membri tal-bord ta' l-ghazla li hatret il-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku. Kif kien mistenni dawn il-membri ma taw l-ebda informazzjoni utli ghal din il-

kawza, bejn ghax ghadda iz-zmien u bejn ukoll ghax kien hemm mat-300 applikant it-Tribunal jirrealizza illi kien daqxejn difficli ghal dawn il-membri sabiex jiftakru persuna partikolari aktar u aktar meta r-records ta' dak il-bord intbagtu kollha lil PSC li min-naha taghha ma pprovdiet l-ebda informazzjoni dwar il-kaz.

Ghalhekk it-Tribunal mhuwiex f'pozizzjoni illi jaghmel valutazzjoni tal-kriterji ta' l-ghazla mill-bord msemmi. Irrizulta biss illi bhala pozizzjoni giet in-numru 196 u gabet 106 marki minn 200. Veru li mehud in konsiderazzjoni l-esperjenza u l-professjonalita tar-rikorrenti dawn il-marki jidhru baxxi pero b'daqshekk ma jfissirx illi saret ingustizzja maghha. It-Tribunal ma jafx x'konkorenza kellha jew xi punti inghataw lil haddiehor li gew nominati 'Nursing Officers'. Ir-rikorrenti allegat illi intghazlu biss nazzjonalisti u lilha thalliet barra minhabba xi afiljazzjonijiet politici. Bir-rispett it-Tribunal jidhirlu illi dan bl-ebda mod ma rrizulta. Il-bord ta' l-ghazla irrakomanda illi jsiru ma l-40 'Nursing Officers' izda ma rrizultax x'afiljazzjonijiet politici kellhom. Minbarra dawn l-40 saru kwantita ta' 'Deputy Nursing Officers' u wkoll ma rrizultax x'afiljazzjonijiet kellhom. Hi x'inhi t-Tribunal difficli jemmen li dawn kienu kollha nazzjonalisti. Hi x'inhi l-allegazzjoni illi r-rikorrenti ma ntaghzlitx minhabba l-kulur politiku taghha ma rrizultax mill-atti bhal ma lanqas ma rrizulta xi diskriminazzjoni jew xi preferenza indebita bi pregudizzju taghha.

Minkejja il-professjonalita, l-abbilita, l-anzjanita u l-kapacitajiet tar-rikorrenti t-Tribunal ihoss li ma jistax jilqa' t-talba taghha ghax mhuwiex qieghed f'pozizzjoni illi jikkontrolla dak illi sar mill-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku. Is-sejha ghall-applikazzjoni kienet miftuha kemm ghal Ghawdxin kif ukoll ghal Maltin u t-300 ruh intervistati gew miz-zewg gzejjer. It-Tribunal mhuwiex f'pozizzjoni illi jghid li n-'Nursing Officers' mahtura kienu inferjuri ghal dik illi hija professjonalita jew efficjenza ghar-rikorrenti. It-Tribunal lest jirrikonoxxi illi meta si tratta ta' hatriet gholjin fid-Dipartiment tas-Sahha wiehed ghandu jfittex li jkollu l-ahjar elementi u m'hemmx dubju illi nies ohra kapaci daqs ir-rikorrenti zgur li hemm u ma jirrizultax

illi gew mahtura persuni li kienu inferjuri ghal dik illi hija efficjenza u professjonalita ghar-rikorrent.  Ghalhekk it-Tribunal jhoss illi mill-atti tal-kawza ma giex ppruvat illi saret ingustizzja fil-konfront tar-rikorrenti.

Ghal dawn il-motivi it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi illi jichad it-talba tar-rikorrenti. Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------